*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,642, 17 ta' Settembru, 1986*

*Taqsima C*

# Nru. 157

17. 9. 86

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Philip Muscat, M.P., Ministru tal-Investimenti Parastatali u tal-Poplu u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-16 ta' Settembru, 1986.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta.**

C. MIFSUD
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Philip Muscat, M.P., Minister of Parastatal and People's Investments and read the First time at the Sitting of the 16th September, 1986.

**AN ACT further to amend the Telemalta Corporation Act, 1975.**

C. MIFSUD
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1986 li jemenda l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali.

**2.** Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 17 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Bla ħsara għal dawk id-direttivi li l-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jista' jagħti minn żmien għal żmien, kull dħul li jkun jeċċedi l-infieq għandu jiġi applikat minn Telemalta biex jinħolqu fondi ta' riżerva biex jiffinanzjaw espansjoni futura tal-Korporazzjoni; u bla ħsara għall-ġeneralità tas-setgħat mogħtija lill-Ministru b'dan is-subartikolu, kull direttiva mogħtija mill-Ministru kif intqal qabel tista' tordna t-trasferiment lill-Gvern jew l-applikazzjoni b'dak il-mod li jiġi speċifikat fid-direttiva ta' kull parti minn dak l-eċċess.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jagħti s-setgħa lit-Telemalta biex titrasferixxi lill-Gvern xi parti mill-eċċess tad-dħul fuq l-infieq.

## A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Telemalta Corporation Act, 1975*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

**1.** This Act may be cited as the Telemalta Corporation (Amendment) Act 1986, and shall be read and construed as one with the Telemalta Corporation Act, 1975, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of section 17 of the principal Act.

**2.** For subsection (2) of section 17 of the principal Act there shall be substituted the following:

"(2) Subject to such directions as the Minister, after consultation with the Minister responsible for finance, may from time to time give, any excess of revenue over expenditure shall be applied by Telemalta to the creation of reserve funds to finance future expansion of the Corporation; and, without prejudice to the generality of the powers given to the Minister by this subsection, any direction given by the Minister as aforesaid may order the transfer to the Government, or the application in such manner as may be specified in the direction, of any part of such excess.".

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to enable Telemalta to transfer to the Government any part of the revenue in excess of expenditure.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — Kastilja — *Published by the Department of Information — Kastilja*

Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 2c — *Price 2c*